# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-22 ta' Novembru, 2018.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**Rikors Numru 619/2013**

**Tas-Sold *Construction Limited***
**(C – 41072) u James Falzon**
**(Karta ta' Identita` numru 102945 M)**

**vs.**

**Adrian Grech (Karta ta' Identita` numru 397079 M), Samara Grech (Karta ta' Identita` numru 2679 (G) u *A.G.H Limited* (C – 49580)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat il-25 ta' Gunju, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati sintetikament esponew s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi b'konvenju datat it-2 ta' Marzu, 2011, (ara foll 7) ir-rikorrenti Falzon obbliga ruhhu li jitrasferixxi favur il-konjugi intimati Grech fuq indikati l-appartament numru 4, kantuniera ma' Triq Ramiro Cali` u Triq San Pietru, l-Imgarr, Malta, flimkien ma garaxx numru 6, formanti parti mill-kumpless *De La Luna Apartments*;

1.2. Illi l-appartament *de quo* kien precedentement suggett ghal ftehim ta' tpacija bejn l-intimat Falzon, (is-sid originali tal-blokk in kwistjoni), u s-socjeta` rikorrenti, (is-socjeta` li kienet ingaggata biex tizviluppa l-istess blokk), (ara konvenju datat il-25 ta' Novembru, 2009, a foll 11);

1.3. Illi permezz ta' skrittura datata wkoll it-2 ta' Marzu, 2011, (ara foll 15), l-imsemmija Falzon, Adrian Grech *proprio et nomine* u s-socjeta` Tas-Sold *Construction Limited*, qabblu li l-prezz pattwit ghall-appartament in dizamina kien ta' €118,798.00;

1.4. Illi qabblu wkoll li l-ammont hekk indikat fil-paragrafu precedenti kollu jithallas mix-xerrejja Grech direttamenti lis-socjeta` Tas-Sold *Construction Limited* permezz ta' *vouchers* li jissarfu f'materjal ta' kostruzzjoni, (ara foll 15);

1.5. Illi l-intimati konjugi Grech xtraw l-appartament u garaxx fuq indikati permezz ta' kuntratt *in atti* tan-Nutar Sam Abela datat it-2 ta' Gunju, 2011, (ara foll 18);

1.6. Illi l-konjugi intimati Grech kienu applikaw ghal self bankarju;

1.7. Illi ghalhekk il-pagament kellu johrog mill-*HSBC Bank* u jinhareg fuq ir-rikorrenti Falzon;

1.8. Illi l-ammont ta' dan is-self kien komplessivament ta' €102,000.00, senjatament;

1.8.1. €14,255.76 lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

1.8.2. €87,744.24 lir-rikorrenti Falzon, (ara foll 38);

1.9. Illi apparti l-pagament su-indikat saret ukoll obbligazzjoni ta' hlas addizzjonali da parti tal-intimati Adrian Grech u s-socjeta` *A.G.H Limited,* (ara foll 88) favur is-socjeta` rikorrenti Tas-Sold *Construction Limited* in akkont tal-proprjeta` in kwistjoni permezz ta' *voucher* tal-materjal tal-bini fl-ammont ta' €10,000.00, (ara foll 39), moghti mill-intimat Grech lil Emmanuel Buhagiar ghan-nom tas-socjeta` Tas-Sold *Construction Limited* – ghalkemm l-istess *voucher* ma giex imsarraf u onorat;

1.10. Illi kif pattwit fl-iskrittura datata l-25 ta' Novembru, 2009, (ara foll 11), il-prezz tal-bejgh in dizamina, (€118,798.00), kellu jithallas permezz ta' *vouchers* fl-ammont ta' €87,744.24 li jissarrfu f'materjal ta' kostruzzjoni;

1.11. Illi ghalhekk l-ammont ta' €87,744.24 mahrug mill-bank *HSBC* b'*cheque*, kien imsarraf fi flus kontanti fl-istess bank, u dan wara li r-rikorrenti Falzon kien iffirma fuq wara tal-istess *cheque* meta sar il-kuntratt tal-akkwist, liema flus ? kontanti gew mghoddija lura lill-intimat Grech;

1.12. Illi ghalhekk il-proprjeta` in kwistjoni ghaddiet ghand l-intimati konjugi Grech u mhux ghand is-socjeta` rikorrenti;

1.13. Illi Grech u Said obbligaw ruhhom li jhallsu lis-socjeta` rikorrenti l-valur tal-proprjeta` *de quo* b'*vouchers*, (fornitura tal-konkos) minghand *JAJ Limited*;

1.14. Illi ghalhekk l-intimat Falzon ma ircieva xejn u ma hallas xejn;

1.15. Illi fuq il-kuntratt tat-2 ta' Gunju, 2011, (ara foll 18), is-socjeta` rikorrenti harget cheque ta' €14,255.76 favur ir-rikorrenti Falzon, liema *cheque* gie raggirat favur l-intimat Grech li sarraf u ha l-istess ammont, (ara foll 40);

1.16. Illi sussegwentement l-intimat Grech *nomine* ikkonsenja kwantita` ta' *vouchers* ta' materjal tal-bini, (ara foll 41 sa

75), komplessivament ammontanti ghal €151,000.00, rapprezentanti hlas dovut in akkont tal-hlas tal-proprjeta` in dizamina, oltre ghal xi transazzjonijiet ohra ta' tpartit;

1.17. Illi l-*vouchers de quo* kuntrarjament ghal ftehim konkluz, qatt ma ssarrfu u ghalhekk, il-materjal qatt ma gie fornit;

1.18. Illi dan kien rizultat ta' frodi u/jew negligenza da parti tal-intimati li wassal lill-konjugi intimati biex jakkwistaw proprjeta` tramite l-moghdija ta' *vouchers* fazulli u minghajr l-ebda valur li qatt m'issarrfu, u li kienu jafu li mhux ser jigu onorati;

1.19. Illi r-rikorrenti qatt ma hellsu lill-intimati mill-obbligu tal-hlas;

1.20. Illi qatt ma kien hemm relazzjoni guridika bejnhom u s-socjeta` *JAJ Company Limited*;

1.21. Illi ghalhekk l-intimati huma debituri tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' €161,000.00;

1.22. Illi r-rikorrenti Falzon m'ghandu l-ebda interess fit-transazzjoni in dizamina;

1.23. Illi ghalhekk l-intimati konjugi Grech gew indebitament arrikkiti billi hadu immobbli li ma hallsux ghalihom;

1.24. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex l-intimati jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.24.1. Tiddikjara li l-intimati huma debituri tas-socjeta` rikorrenti Tas-Sold *Construction Limited* fl-ammont ta' €161,000.00, valur ta' materjal tal-bini skont ir-rati applikabbli fit-2 ta' Gunju, 2011, kif koperti bil-*vouchers* fuq imsemmija;

1.24.2. Tikkundanna lill-intimati li jghaddu u jikkonsenjaw l-imsemmi materjal tal-kostruzzjoni skont l-ghazla tas-socjeta` rikorrenti sal-valur indikat fit-talba precedenti, u dan, *entro* terminu perentorju;

1.24.3. Tikkundanna lill-intimati biex fin-nuqqas, ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €161,000.00 minnhom lilha dovut kif fuq premess;

1.24.4. Bl-ispejjez u bl-interessi legali mit-2 ta' Gunju, 2011, sad-data tal-effettiv pagament;

2. Rat id-digriet taghha datat il-5 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 82);

3.0. Rat ir-risposta datata s-16 t'Ottubru, 2013, li permezz taghha l-intimati sintetikament irrispondew bil-mod segwenti, (ara foll 88):

3.1. Illi r-rikorrenti Falzon m'ghandu l-ebda interess guridiku fl-azzjoni odjerna;

3.2. Illi l-intimati mhumiex il-legittimi kontraditturi ghat-talbiet tar-rikorrenti;

3.3. Illi s-socjeta` intimata *A.GH Limited* kienet cediet il-jeddijiet taghha ghall-provista ta' konkrit lis-socjeta` rikorrenti Tas-Sold *Construction Limited*, li l-istess socjeta` intimata kellha tiehu minghand is-socjeta` *JAJ Company Limited*, u anke lahqet hallset parti mill-kreditu;

3.4. Illi din ic-cessjoni ta' kreditu kienet separata mill-akkwist tal-appartament u garaxx in kwistjoni;

3.5. Illi s-socjeta` intimata qatt m'akkwistat drittijiet fuq id-dar residenzjali tal-intimati konjugi Grech;

3.6. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti ghandha tirrivolgi l-pretensjonijiet taghha kontra d-debitrici taghha *JAJ Company Limited*;

3.7. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha datat it-13 ta' Frar, 2018, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 222);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti Tas-Sold *Construction Limited* datata l-10 t'April, 2018, (ara foll 263), flimkien ma dik tar-rikorrenti James Falzon datata wkoll l-10 t'April, 2018, (ara foll 277), u dik tal-intimati datata l-15 ta' Gunju, 2015, (ara foll 290);

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

8. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu elenkati sintetikament bil-mod segwenti:

9.1. Illi r-rikorrenti Falzon ried jizviluppa u jinnegozja porzjon art fl-Imgarr sitwata f'kantuniera bejn Triq Ramiro Cali` u Triq San Pietru, (ara foll 98);

9.2. Illi ghal dan l-iskop giet inkarigata s-socjeta` Tas-Sold *Construction Limited*, (ara foll 98);

9.3. Illi permezz ta' konvenju datat il-25 ta' Novembru, 2009, jirrizulta li l-istess socjeta` indikata fil-paragrafu precedenti kellha tithallas b'wiehed mill-appartamenti li kienet ser tibni fl-istess blokk bhala parti mill-hlas lilha dovut ghall-istess zvilupp, (ara foll 11 u 98);

9.4. Illi l-intimati konjugi Grech riedu jixtru wiehed mill-appartamenti in dizamina, (ara foll 98);

9.5. Illi l-istess intimati indikati fil-paragrafu precedenti riedu jhallsu permezz ta' *vouchers* li kienu jissarrfu f'materjal tal-bini, (ara foll 98 u 187);

9.6. Illi l-ftehim indikat fil-paragrafu precedenti kien konkluz bejn l-intimati konjugi Grech u s-socjeta` rikorrenti Tas-Sold *Construction Limited*, (ara foll 187);

9.7. Illi permezz ta' konvenju datat it-2 ta' Marzu, 2011, r-rikorrenti Falzon obbliga ruhhu li jittrasferixxi l-appartament numru 4 u l-garaxx numru 6 sitwati fil-kumpless t'appartamenti fuq riferiti issa maghruf bhala *De La Luna Apartments*, u dan, ghall-valur ta' €108,798.00, ghall-appartament u €10,000.00 ghal garaxx, (ara foll 7);

9.8. Illi permezz ta' konvenju ulterjuri wkoll datat it-2 ta' Marzu, 2011, ir-rikorrenti Falzon u Tas-Sold *Construction Limited*, ftehmu mal-intimati konjugi Grech li l-prezz fuq riferit hekk pattwit kellu "... jithallas fl-intier tieghu permezz ta' materjal ta' bini skont il-prezzijiet indikati fid-dokument 'A', (ara foll 15 u 17 u 135 u 136);

9.9. Illi s-suespost gie ikkonfermat mid-deposizzjoni guramentata tan-Nutar Dottor Sam Abela, (ara foll 130);

9.10. Illi permezz tal-kuntratt datat it-2 ta' Gunju, 2011, l-intimati konjugi Grech xtraw l-appartament u l-garaxx in dizamina minghand ir-rikorrenti Falzon, (ara foll 18);

9.11. Illi l-intimat Adrian Grech min-naha tieghu jsosstni li xtara l-imsemmija appartament u garaxx bil-flus, (ara foll 179), u effettivament l-intimat Falzon iddikjara fil-kuntratt tat-2 ta' Gunju, 2011, (ara foll 18), li f'dan il-bejgh kien qed:

> "... ihalli d-debita ricevuta ghall-prezz intier ...", (ara foll 33);

9.12. Illi jirrizulta wkoll li ghall-kompravendita in dizamina l-konjugi intimati Grech kienu applikaw u ottjenew self bankarju, (ara foll 18), fejn l-istess bank involut irrilaxxa l-pagamenti dovuti f'isem ir-rikorrenti venditur Falzon u f'isem il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, (ara foll 38);

9.13. Illi ghalkemm ir-rikorrenti Falzon isosstni li hu ghadda c-*cheque* lilu mghoddi mill-bank *HSBC* lill-intimat Adrian Grech, (ara foll 99 u 106), il-*Branch Manager* tal-imsemmi bank responsabbli ghall-istess isosstni li r-rikorrenti Falzon kien ha l-ammont indikat fic-*cheques de quo* fi flus kontanti hu stess, (ara foll 152 u 125);

9.14. Illi jirrizulta wkoll li l-kontendenti kienu gia` innegozjaw fuq affarijiet ohra bejniethom, (ara foll 186);

9.15. Illi *di piu`* jirrizulta wkoll li saret obbligazzjoni addizzjonali daparti tal-intimat Adrian Grech u tas-socjeta` intimata *A.GH. Limited* favur is-socjeta` rikorrenti Tas-Sold *Construction Limited* li permezz taghha il-pagament ta' €10,000.00 kellu jsir permezz ta' *vouchers* ghall-materjal tal-kostruzzjoni migjub mis-socjeta` *JAJ Company Limited*, (ara foll 39);

9.16. Illi in effetti fl-atti jirrizultaw sensiela ta' *vouchers* rigwardanti materjal tal-kostruzzjoni li sussegwentement gew raggirati, bis-socjeta` intimata *A.GH. Limited* tkun ic-cedent u s-socjeta` rikorrenti Tas-Sold *Construction Limited* tkun ic-cessjonarju, (ara foll 41 sa 74);

9.17. Illi ghalhekk, rizultat tal-istess, is-socjeta` *JAJ Limited* kellha tforni il-materjal *de quo* tramite l-vouchers lis-socjeta` rikorrenti in kwistjoni;

9.18. Illi *nonostante* is-suespost ir-rikorrenti jsosstnu li l-*vouchers* qatt ma gew imsarrfa u konsegwenement, il-materjal in kwistjoni qatt ma gie fornit, (ara foll 212);

Ikkunsidrat:

10. Illi essenzjalment din il-procedura tirrigwarda l-pagament rigwardanti l-kompravendita tal-appartament u garaxx fuq riferiti, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

11. Illi dan il-bejgh sar mir-rikorrenti Falzon lill-intimati konjugi Grech, (ara foll 18);

12. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li r-relazzjoni guridika hekk naxxenti hi bejn ir-rikorrenti Falzon bhala l-venditur u l-konjugi imtimati Grech bhala l-kompraturi;

13. Illi jirrizulta assodat mill-kuntratt ta' kompravendita in dizamina datat it-2 ta' Gunju, 2011, li l-prezz involut kien imhallas fl-

interezza tieghu tant li l-venditur, (ir-rikorrenti Falzon), iddikjara bi kjarezza fl-istess kuntratt li:

> "Il-venditur qieghed prezenzjalment ihalli d-debita ricevuta ghall-prezz intier", (ara foll 33);

Ikkunsidrat:

14. Illi fl-ewwel eccezzjoni taghhom l-intimati jeccepixxu l-karenza t'interess guridiku tar-rikorrenti Falzon *stante* li l-istess rikorrenti m'ghandu jiehu xejn minn negozju in dizamina *stante* li kien gia` thallas ghas-saldu mal-bejgh tal-appartament u tal-garaxx;

15. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Concetta Dimech *et* vs. Emanuel Baldacchino *et***, datata s-**7 t'Ottubru, 2015**, li irredigiet rassenja shiha tal-gurisprudenza fuq il-mertu tal-eccezzjoni preliminari in dizamina u li din il-qorti, a skans ta' ripetizzjoni inutili, qed taghmel taghha l-insenjament guridiku hemm kontenut, (ara foll 8 sa 11 tal-imsemmija sentenza);

Ikkunsidrat:

16.0. Illi applikat is-suddett insenjament guridiku ghall-fattispeci tal-procedura odjerna, jigi sottolineat is-segwenti:

16.1. Illi jirrizulta mill-atti li r-rikorrenti Falzon thallas ghas-saldu mal-bejgh tal-appartament u tal-garaxx in kwistjoni, (ara foll 18 u 33);

16.2. Illi di fatti r-rikorrenti Falzmon xehed li:

> "... ninforma l-qorti li s-socjeta` Tas-Sold *Construction Limited* m'ghandha tiehu xejn min ghandna u jien m'ghandi naghtiha xejn. Adrian Grech m'ghandu jaghtini xejn u m'ghandi niehu xejn minghandu", (ara foll 173);

16.3. Illi l-fatt li r-rikorrenti Falzon effettivament thallas l-ammont lilu dovut mill-kompravendita in dizamina jirrizulta wkoll

mid-deposizzjoni tal-*Branch Manager* tal-Bank in dizamina li jsosstni li:

16.3.1. Ic-*cheque* li bih sar il-pagament in kwistjoni kien gie msarraf mill-istess rikorrenti Falzon, (ara foll 152);

16.3.2. Ic-*cheque de quo* kien iffirmat biss mill-istess Falzon, (ara foll 152);

17. Illi *di piu`* mill-i*statements* tal-istess bank involut jirrizulta wkoll li l-intimati konjugi Grech qed ihallsu l-pagamenti mensili ghas-self li huma hadu mill-istess bank in konnessjoni mal-kompravendita in dizamina, (ara foll 203 A);

18. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati ghandha tigi akkolta *stante* li jirrizulta assodat li r-rikorrenti Falzon m'ghandu l-ebda dritt li seta' hawn jigi vjolat kif minnu allegat;

Ikkunsidrat:

19. Illi in vista tal-istess, ghal dak li jirrigwarda it-tielet (3) eccezzjoni sollevata lill-intimati fil konfront tar-rikorrenti Falzon, jinghad li l-ewwel (1) parti tal-istess tielet (3) eccezzjoni li tirrigwarda lill-intimati konjugi Grech ghandha tigi akkolta, (ara foll 88);

Ikkunsidrat:

20. Illi fir-rigward tat-tieni parti tal-istess tielet (3) eccezzjoni tal-intimati rigwardanti r-relazzjoni tal-intimati konjugi Grech mas-socjeta` rikorrenti Tas-Sold *Construction Limited* issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Frankie Refalo *nomine* vs. Jason Azzopardi *et***, datata l-**5 t'Ottubru, 2001**, li dwar l-istitut tal-legittimu kontraditur gie ritenut is-segwenti:

"Din il-qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kienitx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, kellha bilfors tivverifika *prima facie* jekk il-persuna citata fil-gudizzju kienitx materjalment parti fin-negozju li,

skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti;

"Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu l-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinsab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz – illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza";

21. Illi *di piu`* l-istess **Prim'Awla tal-Qorti Civili**, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Avv. Michael Psaila *nomine* vs. Joseph Pace *et***, datata t-3 **t'Ottubru, 2008**, spjegat li:

"Min jeccepixxi li hu mhux il-legittimu kuntradittur jehtieglu jipprova illi hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hu ma kienx dahal f'ebda rapport negozjali mar-rikorrenti noe jew li m'ghadx ghandu tali rapport";

Ikkunsidrat:

22. Illi minn ezami tas-sintesi fattwali kif fuq sintetikament espost ghandu jirrizulta pacifiku li l-intimati konjugi Grech ma kellhom l-ebda negozju jew relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti Tas-Sold *Construction Limited stante* li l-imsemmija socjeta` ma tirrizultax li hi firmatarja fuq il-kuntratt ta' kompravendita tal-appartament u tal-garaxx in dizamina *in atti* tan-Nutar Dottor Sam Abela datat it-2 ta' Gunju, 2011, (ara foll 18);

23. Illi ghalhekk, ghal dak li jirrigwarda t-tielet (3) eccezzjoni sollevata mill-intimati fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti Tas-Sold *Construction Limited*, jinghad li t-tieni (2) parti tal-istess tielet (3) eccezzjoni li tirrigwarda lill-intimati konjugi Grech ghandha tigi akkolta, (ara foll 88);

Ikkunsidrat:

24.0. Illi konsegwentement, in vista tal-premess jigi sottolineat is-segwenti:

24.1. Illi l-konjugi intimati Grech ghandhom ikunu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

24.2. Illi r-rikorrenti Falzon m'ghandu l-ebda interess guridiku li jkun parti f'din il-procedura;

Ikkunsidrat:

25.0. Illi allura, in vista tal-premess, il-partijiet rimanenti f'din il-procedura jibqghu:

25.1. Is-socjeta` rikorrenti Tas-Sold *Construction Limited*; u

25.2. Is-socjeta` intimata *A.GH Limited*;

26. Illi in vista tal-analisi fattwali rigwardanti il-mertu veru u proprju in dizamina jinghad li ghandu jkun pacifiku li in essenza, dan jirrigwarda l-*vouchers* rilaxxati mis-socjeta` intimata *A.GH Limited* (ara foll 41 sa 75);

Ikkunsidrat:

27. Illi s-socjeta` intimata *A.GH Limited* eccepiet li assenjat u cediet il-krediti jew jeddijiet li hi kellha ghall-provista ta' konkrit kontra s-socjeta` *JAJ Company Limited* favur is-socjeta` rikorrenti Tas-Sold *Construction Limited* (ara foll 88);

28. Ili ic-cessjoni tirrizulta fil-*vouchers* fuq riferiti, (ara foll 41 sa 75), li lkoll kienu iffirmati mill-intimat Adrian Grech ghan-nom u in

rapprezentanza tas-socjeta` cedenti imsemmija *A.GH Limited*, (ara fol 41 sa 75);

29. Illi s-socjeta` debitrici *JAJ Company Limited* jirrizulta li dejjem irrikonoxxiet c-cessjoni in dizamina fuq kull *voucher* hekk iffirmat, (ara foll 41 sa 75);

30. Illi ghalhekk jirrizulta assodat li kull *voucher* hekk iffirmat u rikonoxxut favur is-socjeta` rikorrenti Tas-Sold *Construction Limited* gie regolarment u legalment hekk assenjat lill-imsemmija socjeta` rikorrenti mis-socjeta` intimata;

Ikkunsidrat:

31. Illi konsegwenza tac-cessjoni tal-imsemmija *vouchers* mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti kif fuq stabbilit, is-socjeta` *JAJ Company Limited* saret debitrici tas-socjeta` rikorrenti *de quo* Tas-Sold *Construction Limited*, bil-konsegwenza ulterjuri li allura din l-istess socjeta` rikorrenti hawn riferita jkollha d-dritt li tircievi l-kwantitajiet pattwiti fl-istess *vouchers* minghand is-socjeta` *JAJ Company Limited*;

32. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 1480 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

> "(1) Ic-cessjonarju ghandu jimxi kontra d-debitur qabel ma jdur kontra c-cedent, barra minn meta jkun gie miftiehem illi c-cedent ghandu jhallas ghad-debitur jekk dan ma jhallasx fuq semplici talba".
>
> "(2) Jekk ikun hemm dan il-ftehim, ic-cessjonarju mhu obbligat jaghmel l-ebda att biex jinzamm il-jedd ghall-kreditu; u c-cedent hu obbligat sas-somma tal-kreditu cedut";

33. Illi ghalhekk ghandha tkun is-socjeta` rikorrenti Tas-Sold *Construction Limited* – bhala c-cessjonarju – li ghandha tipprocedi kontra s-socjeta` debitrici – l-*JAJ Company Limited stante* li s-socjeta` *A.GH Limited* kienet cediet il-krediti taghha in kwistjoni fil-konfront tal-imsemmija socjeta` *JAJ Company Limited*.

34. Illi in vista tal-premess ghandha tigi wkoll akkolta t-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-intimati, (ara foll 88);

Ikkunsidrat:

35.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti ppruvaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

35.1. Tirrispingi t-talbiet kollha sottomessi mir-rikorrenti;

35.2. Takkolji l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjonijiet sollevati mill-intimati;

35.3. Tiddikjara li l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-intimati huma direttament dipendenti mill-ewwel tliet (3) eccezzjonijiet sollevati u ghalhekk hu superfluwu li jinghad aktar fir-rigward;

35.4. Bl-ispejjez *in solidum* ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti Tas-Sold *Construction Limited* u James Falzon.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**